MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Rikors Numru. 1133/2009

Joseph Pavia
vs
Victor Debono

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Pavia fejn gie premess:-

Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet ‘Joseph Pavia v. Victor Debono’ (Cit Nru. 4/83 datata 27 ta’ Dicembru, 1991 l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) ikkonfermat sentenza moghtija minn dina l-Qorti u ordnat illi jsiru x-xogholijiet kollha necessarji taht id-direzzjoni tal-Perit David Pace bl-ispejjez tal-ewwel grad kif decizi u dawk tal-appell ghall-appellant (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’).

Illi l-intimat Victor Debono ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-istess procedura lill-esponenti liema spejjez ghadhom allura sal-lum dovuti lill-istess esponenti oltre l-imghaxijiet fuq l-istess (kopja tat-taxxa ghad-drittijiet u spejjez annessa u mmarkata Dok 'B').

Illi l-esponenti ghandu f'dan l-istadju kull interess illi jezegwixxi s-sentenza surreferita fil-konfront tal-intimat li qieghed jirrifjuta li jaghmel tali hlas minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data tas-sentenza surreferita u ghalhekk kellha ssir il-procedura odjerna a tenur tal-art. 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fuq dawn il-premessi l-attur talab li jigi dikjarat, a tenur tal-art.258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li l-imsemmija sentenza fl-ismijiet 'Joseph Pavia v. Victor Debono' (Cit Nru. 4/83) deciza fis-27 ta' Dicembru, 1991 bhala titolu ezekuttiv u ezegwibbli fil-konfront tal-intimat Victor Debono, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess intimat Victor Debono.

Rat ir-risposta tal-konvenut Victor Debono dbitament konfermata bil-gurament fejn gie sottomess:-

Preliminarjament in-nullita tar-rikors promotur stante illi r-rikorrent naqas milli jikkonferma x-xorta tad-dejn jew tat-talba li qed ifittex u li dak id-dejn ghadu dovut, kif mehtieg *ad validitatem* mill-artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet li se jigu migjuba f' din l-umli risposta.

Illi kif jirrizulta mit-tieni premessa tar-rikors promotur, l-unika haga li r-rikorrent qed jintenta illi jezegwixxi huma

biss l-ispejjez u drittijiet indikati fit-taxxa annessa bhala Dok ‘B’.

Illi r-rikorrent m’ ghandux il-jedd li jintenta jinforza l-hlas tad-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali ghaliex il-jedd tal-hlas jispetta lilhom biss u mhux lir-rikorrent.

Illi fil fatt l-artikolu 253(c) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jipprovdi illi huma titoli ezekuttivi taxxi ta’ drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga favur ta’ avukat u prokuratur legali u mhux taxxi ta’ drittijiet u spejjez gudizzjarji ta’ kawza li jistghu jigu nforzati minn parti jew ohra.

Illi, di piu, l-artikolu 2149 tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-azzjoni tal-avukati u prokuraturi legali ghad-drittijiet taghhom taqa’ bl-eghluq ta’ sentejn. Imbaghad l-artikolu 2150(1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-avukat u tal-prokuratur legali ghad-drittijiet tibda ghaddejja minn dakinhar tad-decizjoni finali.

Illi ghalhekk huwa bil-wisq car u manifest illi d-drittijiet tal-avukat u prokuratur legali indikati fit-taxxa annessa bhala Dok ‘B’ mar-rikors promotur huma preskritti skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu qed jghid li huwa qed jaghmel din l-azzjoni ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza meta di fatti s-sentenza ilha illi giet ezegwita pero in realta’ huwa qed jintenta din l-azzjoni sabiex jipprova jezegwixxi hlasijiet illi issa – wara li ghaddew tmintax-il (18) sena!! – m’ ghandux dritt ghalihom, u dan ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Semghet lill-attur.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza. Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u kwindi jimmeritaw li jigu akkolti. Minn naha l-ohra l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma kollha infondatifil-ligi u ghahek ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet tal-attur.

Spejjez kollha kontra l-konvenut

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------